MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 25/2005

**Michele Peresso Limited**

**Vs**

**Enemalta Corporation**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' attrici talbet li l-korporazzjoni konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' mitejn u seba' liri Maltin u disghin centezmu (Lm207.90c) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' hamsin (50) *first aid kit* mibjugha u suppliti skond *invoice* 019448 lill-korporazzjoni konvenuta.

Ra r-Risposta tal-korporazzjoni konvenuta li biha wiegbet li m'ghandha thallas xejn u kwalunkwe pendenzi gew sodisfatti u dan kif ser jigi ppruvat dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Sema' x-xhieda ta' Albert Aquilina, Isabelle Scicluna u ta' Emanuel Faure.

Ra l-Affidavit ta' Cecille Scerri.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Mark Attard Montalto ghas-socjeta' attrici u tal-Prokuratur Legali Victor Bugeja ghall-korporazzjoni konvenuta.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-Korporazzjoni Enemalta nvitat lis-socjeta' attrici flimkien ma' kumpaniji ohrajn sabiex jaghtu *quotation* fuq provista ta' hamsin (50) *first aid kit* u ghal dan l-invit kien hemm tlett offerenti, cjoe' s-socjeta' attrici li offriet "£565", u zewg offerenti ohra li offrew hames mija u tnejn u sittin lira Maltin (Lm562) u l-ohra sitt mija u hamsin lira Maltin (Lm650) u mbaghad kien hemm ohra ta' tmien mija u hamsa u tmenin lira Maltin (Lm885).

Il-korporazzjoni konvenuta nterpretat l-offerta maghmula mis-socjeta' attrici bhala li saret f'<u>Liri Sterlini</u> u mhux f'<u>Liri Maltin</u> u ghalhekk permezz ta' Ittra ffirmata minn Emanuel Faure fil-5 ta' Mejju, 2004 huwa kkonferma li l-offerta ta' Michele Peresso Limited giet accettata ghas-somma ta' "GBP565".

Sussegwentement is-socjeta' attrici pprovdiet il-materjal u baghtet *invoice* li jinsab esebit a fol 27 tal-process ghall-hlas ta' hames mija w erbgha u sittin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm564.98c). Izda minn din is-somma thallas biss l-ammont ekwivalenti ghal-Liri Maltin ta' GBP565 u b'hekk baqghet id-differenza mitluba mis-socjeta' attrici.

Il-vertenza bejn il-partijiet hija jekk is-socjeta' attrici verament ghamlitx offerta in GBP jew meta tnizzlet is-simbolu ta '£' kienux qieghdin jaghmlu dan is-simbolu b'referenza ghal-Liri Maltin ukoll, fis-sens illi ghalihom dan is-simbolu kien *interchangeable*.

Huwa evidenti illi anki mill-*workings* li ghamlet is-socjeta' attrici biex tikkalkula l-offerta taghha, hija dejjem intendiet li taghmel l-offerta taghha ta' 565 f'Liri Maltin u mhux f'Liri Inglizi. Normalment meta jsiru offerti lokali, ossija *quotations* isiru fil-*currency* tal-pajjiz li fih l-offerta tkun qieghda ssir u billi qieghdin Malta huwa ragunevoli li wiehed jippresumi li l-offerta qed issir f'Liri Maltin.

Illi inoltre, jekk wiehed jaghmel paragun bejn l-offerta maghmula mis-socjeta' attrici u l-offerenti l-ohra, m'huwiex verosimili illi l-offerta ta' l-atturi tkun kwazi nofs *the next tender* u ghalhekk kien evidenti illi l-offerta tas-socjeta' attrici kellha tkun f'Liri Maltin u mhux f'Liri Inglizi.

Il-korporazzjoni konvenuta qieghda tipprova tiehu vantagg mill-fatt illi ntuza simbolu ta' '£' u mhux 'Lm', izda t-Tribunal jidhirlu illi jekk is-socjeta' attrici ghamlet zball meta wzat dak is-simbolu, l-korporazzjoni konvenuta ma kellhiex dritt tiehu beneficcju minn dak l-izball. Se mai, malli gie skopert dan l-izball u jekk il-korporazzjoni konvenuta ma kienetx kuntenta, setghet facilment, a tempo vergine, tirritorna l-merkanzija u jew tohrog *tender* ohra jew inkella taqa' fuq xi *tenderer* iehor. Hija ghazlet li zzomm l-affarijiet u thallas l-ammont ridott izda t-Tribunal jidhirlu illi stante li l-korporazzjoni konvenuta zammet il-merkanzija, hija m'ghandhiex dritt tibbenefika mill-izball maghmul mis-socjeta' attrici ghaliex dan jikkonstitwixxi arrikiment indebitu.

Jinghad ukoll illi del resto ma jidhirx li kien hemm xi pregudizzju serju ghall-korporazzjoni konvenuta billi l-unika offerta anqas minn hames mija u hamsa u sittin lira Maltin (Lm565) hija ta' hames mija u tnejn u sittin lira Maltin (Lm562) – differenza de minimis u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi ridotta bi tlett liri Maltin (Lm3)

Illi għalhekk it-talba attriċi tisthoqq li tiġi akkolta.

Għal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jikkundanna lill-Korporazzjoni Enemalta sabiex tħallas is-somma ta' mitejn u erba' liri Maltin u disgħin ċentezmu (Lm204.90c) bl-interessi u bl-ispejjeż kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------